# SAN NIKOLA Kif il-Kult Tiegħu Wasal fil-Gżejjer Maltin



*Statwa proċessjonali ta' San Nikola Isqof, liebes bir-rit Grieg, li tinsab fil-knisja tas-Sodalità ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju ġewwa l-Belt Valletta.*

IT-TIENI PARTI

JIKTEB NIKOLA CALLUS

**Il-miġja tan-Normanni f'Malta fl-aħħar snin tas-seklu ħdax, ftit biddlet is-sitwazzjoni mwiegħra tal-Maltin, tant li ntqal li Malta qatt ma kienet Normanna fis-sens proprju tal-kelma. L-Għarab damu jaħkmu fuq Malta sakemm niżel il-Konti Ruġġieru fl-1090 u b'hekk Malta saret tributarja ta' Sqallija Normanna. In-Normanni ggvernaw minn Sqallija u l-poplu Malti baqa' kulturalment Mislem. B'hekk ir-Reliġjon Nisranija qajla setgħet timxi 'l quddiem kif kien mistenni.**

## In-Normanni jaħkmu 'l Malta Minn Sqallija

Il-biċċa l-kbira tal-knejjes dedikati lil San Nikola fil-Puglia, fil-Kalabrija u fi Sqallija jafu l-bidu tagħhom lin-Normanni. Fi żmienhom, ir-raħal tas-Siġġiewi kellu knisja dedikata lil San Nikola, li minnha llum ma baqa' xejn ħlief ħajt ta' stil Normann. Skond tradizzjoni, kien il-Konti Ruġġieru stess li ħa ħsieb biex din il-knisja ma titħalliex taqa';[1] ħaġa li tista' tkun meta wieħed iġib quddiem għajnejh kemm id-dinastija Normanna kienet devota ta' San Nikola. Infatti, id-duka ta' Bari (Puglia), Ruġġieru Borsa, tal-kwartieri ġenerali tal-ex-mexxejja Biżantini lill-arċisqof tal-belt Ursone biex flokhom tinbena l-Kripta u l-Bażilka ta' San Nikola, f'Mejju tas-sena 1087. Il-prinċep ta' Bari Boemondo bena ospizju għall-pellegrini maġenb l-istess Bażilka. L-aħwa Ruġġieru u Boemondo akkwistaw mingħand il-Papa Paskal II ħafna benefiċċi kbar għall-Bażilka. Ruġġieru II ta' Sqallija, fil-ġurament tat-22 ta' Ġunju 1132 ta garanzija li ma jħalli 'l ħadd imiss jew jieħu xi mkien ieħor ir-relikwi insinji ta' San Nikola. Dan ir-re għammar il-Bażilka tal-Qaddis f'Bari b'dak kolu li kien jonqosha.[2]

**Kif Is-Siġġiewi Sar Parroċċa San Nikola**

Fis-seklu 13, is-sitwazzjoni mwiegħra reliġjuża bdiet tieħu r-ruħ biss, meta l-gżejjer Maltin bdew jiġu mikrija lin-nobbli barranin. Dawn, fil-biċċa l-kbira minnhom Genwiżi (minn Genoa). Fir-reġjun ta' Genova, il-knejjes ta' San Nikola tas-seklu 9, jixhdulna l-qedem tal-kult tiegħu.[3] Dawn in-nobbli Genwiżi ġiebu magħhom il-kult Nikoljan inkluż mat-tradizzjonijiet u istituzzjonijiet Insara (Latini u Ewropej). Kien biss meta l-Imperatur Federiku II keċċa lill-Misilmin għal kollox minn Malta (1224) u daħħal ir-riformi, li għamlu mill-ġdid lil Malta Nisranija.

Fl-inħawi tas-Siġġiewi, fiż-żminijiet tan-nofs kienhawn madwar elf u erba' mitt ruħ, li kienu mxerrda fi rħula żgħar bħal Ħal Niklusi, Ħal Kbir, u Ħal Kdieri.[4] Għall-ħabta tas-seklu tlettax, in-nies ta' dawn l-irħula bdew jitbiegħdu minn qrib il-baħar u jersqu 'l ġewwa fejn illum jinsab Is-Siġġiewi, aktarx biex isibu kenn mill-attakki tal-ħallelin tal-baħar, li kienu spiss jaħbtu għal Malta. Dokument ta' l-1260 li jinsab fil-Vatikan jagħtina x'nifhmu li Is-Siġġiewi tant kien kiber u sar importanti li jissemma flimkien mar-Rabat u maż-Żejtun.

Minn studju xjentifiku ta' dokumenti medjevali fl-arkivji tal-Vatikan, tal-Katedral u f'dawk notarili jidher ċar illi snin qabel l-1436 ("rollo") ta' l-Isqof de Mello, uħud mill-ewwel għaxar parroċċi kienu diġà jeżistu, fosthom dik tas-Siġġiewi. Meta l-istoriċi Maltin minn żmien Gian F. Abela sa ftit żmien ilu kienu jorbtu t-twaqqif ta' dawn il-parroċċi mar-"rollo" ta' de Mello, dejjem kienu jgħidulna li l-isqof li jwaqqaf il-parroċċi jrid ikun joqgħod hawn Malta. Issa, l-istorja tgħidilna li l-ewwel żewġ Isqfijiet ta' Malta li kienu joqogħdu u mietu hawn, kienu l-Franġiskani Fra Arrigo di Cefalu (1334-1341) u Fra Nikola Boneto (1342-1360). Għalhekk, kull wieħed minn dawn iż-żewġ isqfijiet sata' waqqaf il-parroċċa ta' San Nikola – Siġġiewi, żgur qabel l-1348. Għax f'din is-sena, il-Pesta s-Sewda kinset l-Ewropa u f'Malta kien hemm postijiet fejn qerdet lil kulħadd, kif ġara lil Ħal Kdieri.[5]

**Fil-Vista Pastorali ta' Mons. Dusina (1575) insibu li mis-46 knisja li kien hawn fl-inħawi tar-raħal, 7 kienu dedikati lil San Nikola: dan jurina x'devozzjoni kbira lejh kellu l-poplu tas-Siġġiewi.**

**Ix-Xhieda Dejjiema tad-Devoti Tiegħu.**

It-tifkiriet ta' kull żmien tad-devozzjoni ħajja lejn San Nikola, Isqof ta' Myra niltaqgħu magħhom fl-ikonografija, fl-arkitettura sagra u fit-tradizzjonijiet ta' missirijietna.

Fil-knejjes-għerien tal-Madonna u ta' San Niklaw fil-Mellieħa, f'tad-Dejr u fil-katakombi ta' Sant'Agata fir-Rabat instabu pittura tal-Madonna u l-Qaddisin fosthom San Nikola. Pittura affresko tas-seklu ħmistax wieħed jista' jaraha fil-knisja tal-Lunzjata f'San Anard, barra r-Rabat, u f'dik ta' Ħal Millieri. F'din ta' l-aħħar, għandna x-xbihat ta' tnax-il Qaddis l-aktar magħrufa f'Malta qabel is-seklu sittax u fosthom San Nikola u San Anard l-iktar li kienu jgawdu devozzjoni lejhom.[6] L-ikonografija Nikoljana kibret bis-sħiħ fi żmien il-Kavallieri ta' San Gwann. F'xi knejjes tagħhom hemm kwadri bi xbihat ta' San Nikola, kważi kollha mpittrin mill-famuż Mattia Preti u ordnati mill-Gran Mastru Nikola Cottoner.

**Dan flimkien mal-Gran Mastru Caraffa għenu minn flushom il-bini tal-knisja monumentali u Arċipretali tas-Siġġiewi u l-kavallier Giovanni Fiott, segretarju tal-Gran Mastru ħallas għall-pittura titulari.**

**Fir-relikwarju insinji tal-Knisja Konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann jinsab id-driegħ ta' San Nikola, mogħti mill-Balliju De Mailoc Saquenville fl-1548.**[7]

Waħda mit-tliet parroċċi Griegi fil-Birgu li ġew ma' l-Ordni ta' San Ġwann minn Rodi fl-1530 kienet taħt il-patronċinju ta' San Nikola. Il-komunità Griega fil-belt Valletta kienet magħmula minn żewġ parroċċi: Santa Maria Damascena u San Nikola. Wara xi żmien il-Griegi ċedew il-knisja parrokkjali ta' San Nikola lis-Sodalità ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju.

Fiż-żminijiet tan-nofs inbnew ħafna knejjes żgħar ta' San Nikola fl-ibliet, fl-irħula u mferrxin 'l hawn u 'l hinn fil-kampanja tal-gżejjer Maltin, uħud minnhom għadhom jeżistu sa llum. Sal-1545 fiċ-ċimiterju tal-matriċi f'Għawdex kienu twaqqfu għaxar kappelli, waħda minnhom dedikata lil San Nikola. F'Għawdex kien hemm ħames knejjes ta' San Nikola: fil-Kastell u fir-Rabat(Città Vittoria), fuq l-għolja ta' Dbieġi (Għarb) u f'Marsalforn. Fiċ-ċimiterju l-antik ta' San Pawl – Rabat (Malta) twaqqfu tlieta u għoxrin kappella, erba' minnhom dedikati lil dan il-qaddis Isqof ta' Myra.

Minn żmien il-Biżantini f'pajjiżna, kienet drawwa li jitqassmu 'ftajjar u nbid' lill-foqra fil-festa ta' Santa Marija.8 Hekk kien isir ukoll fiż-żewġ knejjes ta' San Nikola fl-inħawi tal-għolja ta' Dbieġi (Għawdex). Fil-festa ta' dan il-Qaddis fil-Qrendi, mal-ħobż u l-inbid kienu jitqassmu wkoll santi u ġellewż.[9] L-istess kien isir fil-festa titulari fis-Siġġiewi: kien hemm għalqa għal

*ikompli minn paġna 17*

dan l-iskop, magħrufa bħala "ta' San Nikola ta' l-inbid". Bħala devozzjoni fil-festa tiegħu, fil-knejjes ta' San Nikola tal-belt Valletta, f'dik tas-Siġġiewi u f'Tas-Samra (Ħamrun) jitbierek u jitqassam il-ħobż tiegħu. Il-knisja tal-Madonna tas-Samra sas-sena 1575 kienet dedikata lil Qaddis ta' Myra. San Nikola u Santa Katerina jissejħu tal-"Vinturi" għax ix-xebbiet kienu jitolbuhom isibulhom għarus. Ix-xebbiet Siġġiwin kienu jduru tliet darbiet ma' l-istatwa tal-Qaddis li hemm fil-misraħ tar-raħal u jgħidulu: "San Nikola kkunslani", jiġifieri żewwiġni. San Nikola sar tal-"Venturi" permezz tal-leġġenda li tgħid li pprovda d-dota lil tliet xebbiet minn ġo dar waħda biex setgħu jiżżewġu.

F'għajdut missirjietna lil dan il-Qaddis kienu jsibuh ukoll bħala "San Nikola Stilla". Stilla hi festa ta' qaddis jew qaddisa li taħbat fil-ħarifa li fiha mistennija tagħmel xita qawwija u maltemp. L-aħħar darba li San Nikola kien veru stilla tal-maltemp kien fis-6 ta' Diċembru 1949, għax il-festi esterni ma setgħux isiru u l-purċissjoni ma ħarġitx. Għalhekk, minn dak inhar, is-Siġġiwin iddeċidew, talbu u qalgħu l-permess għat-trasferiment tal-festa titulari għas-sajf. Din iċċelebrawha l-ewwel darba fl-10 ta' Ġunju 1951.

Mela l-kult ta' San Nikola wasal fostna kważi dritt minn pajjiżu: il-Liċja. Minn Myra wasal Kostantinopli mnejn xtered mal-pajjiżi li jdawru l-Mediterran u minn hawn laħaq l-ibgħad irkejjen tad-dinja. Dan seħħ bejn is-sekli ħamsa u ħdax permezz tal-baħħara u tal-firxa tal-kultura Biżantina. Dan il-kult għadu jispikka ħafna fost il-Knejjes Insara tal-Lvant.

Il-kult universali tiegħu u ġrajjietu għaddewhom mill-għarbiel fin tal-kritiċi ta' l-istorja. Minn dan ħareġ ċar li SAN NIKOLA KIEN JEŻISTI BĦALA ISQOF TA' MYRA FI ŻMIEN L-IMPERATUR KOSTANTINU (306-337). Dan il-QADDIS TAWMATURGU, b'għemejjel qdusitu bħala interċessur kbir quddiem Alla, rawwem stima u qima lejh tant kbira fil-qalb u l-moħħ tal-poplu, li b'xejn ma seta' jintesa tul sittax-il seklu u nofs li ilu li daħal igawdi 'l Alla mal-Qaddisin l-oħra fil-ġenna.

Noti u Riferenzi:


1. Dennis de Lucca, "Kif trawwem u kiber ir-raħal tagħna", f'IS-SIĠĠIEWI – Marzu 1980, p. 15.
2. Gerardo Cioffari o.p., "STORIA DELLA BASILICA DI S. NICOLA DI BARI" – Bari 1984, p. 150
3. Nicolo Schiappacasse, "CULTO PRESTATO DAI GENOVESI A SAN NICOLÒ DI BARI – 1898.
4. R. White, T. Foster, "REPORT ON QRENDI AND SIĠĠIEWI – 1967.
5. Il-Prof. Wetinger isostni li l-parroċċi ma setgħux twaqqfu fl-1436 għax wara l-invażjoni Tuneżina tas-sena 1429 wieħed ma setax jimmaġina dan, hekk ukoll wara l-1348 wieħed l-anqas jista' jimmaġina twaqqif ta' parroċċi avolja l-Isqof kien jgħix f'Malta.
6. "ĦAL MILLIERI – A MALTESE CASALE, ITS CHURCHES AND PAINTINGS" – Midsea Books – 1976, pp.99, 103, 116.
7. Din ir-relikwa insinji kienet tinżamm fi drieġħ tal-fidda b'ornamenti tad-deheb u ħaġar prezzjuż, insteraq minn Napuljun, imma r-relikwa kienet imħolliha fil-post. F'dokument iffirmat mill-Kappellani Konventwali, id-Drieġħ ta' San Nikola tniżżel taħt Nru. XLII.
8. Mgr. Arthur Bonnici, "HISTORY OF THE CHURCH IN MALTA", Vol. I, p.22.
9. Arturo Dimech, "L-ISTORJA TAL-KNISJA MALTIJA", pp.430, 461, 462.